**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 - IL-ĦAMIS 20 TA' MARZU 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Chairperson – Kum. Amm. BIĊ |

**Pubbliku:** Kien hemm persuna waħda preżenti għall-bidu tal-laqgħa..

## 1. APPOLOĠIJI

1.1. Is-SE informa li l-Viċi Sindku kienet infurmatu permezz ta' *email* li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa għaliex ma kinitx tiflaħ. Il-Kunsillier Sammut ukoll kien infurmah bit-telefon li inqabad xogħol u s-SE talbu jibgħat email. Madanakollu l-email li bgħat aktar kmieni kienet vojta. Kopji tal-emails imsemmija huma annessi f'A.

1.2. Iċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq infurmat lis-SE li ma setgħetx tattendi minħabba impenji oħra.

1.3. Il-Kunsillier Miceli kienet infurmat lis-SE li kienet se tasal tard għal-laqgħa.

1.4. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-possibilità li l-laqgħat tal-Kunsill jerġaw jibdew isiru nhar ta' Tlieta għaliex għalih kien impossibli li l-Ħamis idum aktar mit-tmienja avolja kien jipprova jdum aktar.

1.5. Is-SE fakkar li l-laqgħat kienu ġew imressqa għal nhar ta' Ħamis minħabba li l-Kunsillier Sammut kellu xi *lectures* l-università nhar ta' Tlieta. Intqal però li anki l-Ħamis il-Kunsillier Sammut kien qiegħed ifalli relattivament spiss.

1.6. Dak il-ħin is-SE ċempel lill-Kunsillier Sammut b'mod li setgħu jisimgħu il-membri kollha preżenti bil-ħsieb li tkun riżolta din il-problema. Il-Kunsillier

Sammut informa li kien inqabad xogħol u ma setax jitlaq u li wkoll kull nhar ta' Tlieta jkollu l-*lectures.* Huwa informa wkoll li ma jkollux aktar problema mil-*lectures* la jibda s-sajf. .

1.7. Il-Kunsillier Sciberras tenna li huwa ma kellu l-ebda problema jekk il-laqgħat isiru t-Tlieta iżda jekk jibqgħu isiru l-Ħamis kellu impenji li bilfors ikollu jitlaq kmieni mil-laqgħa.

1.8. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għalissa l-laqgħat jibqgħu jissejħu l-Ħamis sas-sajf.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u Korrispondenza

3.1. F'dan il-ħin ġiet interrotta l-laqgħa biex il-Kunsill jisma t-talba tal-persuna preżenti (is-Sur Ciappara). Il-ħin kien it-19.43.

3.2. Is-Sur Ciappara talab biex il-Kunsill isib soluzzjoni biex jitħalla li jsir parkeġġ fi Triq San Pawl wara r-rawndebawt tal-GS fejn hemm *centre strip* żgħira.

3.3. Ir-resident sostna li l-wardens qed jgħatu ċitazzjonijiet għal min jipparkja hemm għaliex ikunu qed jostakolaw it-triq. Skond ir-resident fir-realtà karozzi pparkjati hemm ma joħolqux ostaklu u għalhekk talab lill-Kunsill biex jitħalla l-parkeġġ f'din iż-żona.

3.4. F'dan il-ħin waslet il-Kunsillier Miceli. Il-ħin kien 19.47.

3.5. Il-Kunsill iddeċieda li jara x'jista' jsir biex jitħalla l-parkeġġ.

3.6. F'dan il-ħin tkompliet il-laqgħa. Il-ħin kien 19.48. Minn dan il-ħin ma kien hemm l-ebda preżenza ta' pubbliku.

3.7. Is-Sindku infurmat li kien hemm possibilità li bil-*planning gain* tal-iżvilupp tat-*tradefair grounds* jinbena r-*Respite Centre* li qed jipproponi l-Kunsill lill-Gvern Ċentrali.

3.8. Issemmiet ukoll il-possibilità li tinbena żona ta' parkeġġ bil-*planning gain*, iżda kien hemm qbil li r-*Respite Centre* tingħata l-prijorità.

3.9. Il-MEPA saqsew dwar il-konfini taċ-ċentru tal-lokalità, iżda l-mistoqsija ma kinitx ċara u għalhekk għandha tintalab kjarifika dwar l-estent.

3.10. Kien hemm qbil li tissejjaħ laqgħa ma rappreżentanti tal-MEPA sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħti risposta ċara u waħda li tkun fl-interess tal-lokalità.

3.11. Is-SE informa li dwar il-każ tal-ħalib tal-GS, It-TM kienu irrispondew lill-GRTU mingħajr ma talbu l-kummenti tal-Kunsill.

3.12. Il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:14.

3.13. Is-SE ressaq ittra mill-MEPA li tinforma li mill-Fondi tal-UIF hemm ċans li parti minnhom se jkunu jridu jiġu allokati bilfors għal bini ta' *boundary walls*.

3.14. Kien maqbul li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal din id-deċiżjoni.

3.15. Is-SE informa li l-korsijiet tal-iKIDs ta' TCTC se jerġgħu jsiru fis-sajf. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa joffri dawn il-korsijiet.

3.16. Is-SE informa ukoll li hemm sejħa għall-Enterprise Awards. Informa ukoll li bħal issa qed tiġi ifformulata l-applikazzjoni biex il-Kunsill jieħu sehem f'dawn l-Awards.

3.17. Il-Kunsillier Gatt informa li kien attenda għal laqgħa ma' TM rigward ix-xogħlijiet li se jsiru fi Triq il-Kosta. Informa li l-proġett huwa ppjanat li jdum 54 ġimgħa. It traffiku lejn it-tramuntana ta' Malta mhux se jkun imwaqqaf. Traffiku li jkun ġej minn San Pawl il-Baħar ikun wieqaf għal 11-il ġimgħa biss.

3.18. Informa ukoll li mill-54 ġimgħa hemm 6 xhur minnhom 'żejda' biex jekk jinstabu xi siti storiċi, jkun hemm ħin biż-żejjed sabiex dawn ma ssirilhomx ħsara u jitkompla x-xogħol. Jekk ix-xogħlijiet jittardjaw aktar min 54 ġimgħa jintilfu l-fondi mill-UE.

3.19. Is-SE informa li wasal ilment mis-Sur Angelo Vassallo, li jgħix San Gwann, li kien qed joġġezzjona għall-għeluq tal-*picnic area* tas-Salina. Is-SE spjega kif il-*picnic area* qed tingħalaq minħabba li ġiet identifikata bħala l-aqwa post biex isservi bħala *site office* għal waqt ix-xogħlijiet li se jsiru fi Triq il-Kosta. Meta x-xogħlijiet jitlestew, il-*picnic area* terġa tinfetaħ kif kienet.

3.20. Wara diskussjoni qasira, kien hemm il-qbil li tintbagħat risposta lis-Sur Vassallo li tgħid li m'hemmx alternattivi oħra, u l-*picnic area* se jkollha tibqa' magħluqa.

3.21. Is-Sindku infurmat li kienet saret laqgħa mal-Ministru Marie Louise Coleiro Preca rigward ir-*Respite Centre*. Is-Sindku spjegat kif din l-idea intlaqgħet tajjeb, u se ssir talba mill-Ministru biex isiru aktar laqgħat mal-kabinett.

3.22. Il-Kunsillier Bonnici ta informazzjoni dwar il-wirja li hija ppjanata fi Piemonte l-Italja u li dalwaqt se jkun hemm aktar informazzjoni mill-MAGF.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI, INFIQ

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

4.2. Il-Kunsill approva ukoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'Ċ u D rispettivament.

## 5. ĦATRA TA' AMBAXXATUR LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ĠDID

5.1. Minħabba li l-Ambaxxatur preżenti għadu kemm għalaq it-18-il sena, il-Kunsill kellu jaħtar Ambaxxatur ieħor.

5.2. Il-Kunsillier Agius informa li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ kien qiegħed jinnomina lil Ishmael Ellul.

5.3. Il-Kunsill qabel li s-Sur Ellul isir l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

## 6. PROĠETT TAĦT IL-PROGRAMM ERASMUS+

6.1. Is-SE informa li kienu qed isiru taħdidiet biex isir proġett ta' *student exchange* taħt il-Programm tal-UE Erasmus+.

6.2. Jidher li min-naħa ta' Mornago se jkomplu bil-proġett minħabba nuqqas ta' riżorsi umani, u l-Kunsill se jkollu jfittex lil xi ħadd ieħor. Għalhekk mhux se titlaħħaq id-*deadline* li jmiss biex tkun sottomessa l-applikazzjoni.

6.3. Kien hemm qbil li jkompli x-xogħol fuq dan il-proġett għall-eventwali applikazzjonijiet futuri.

## 7. PROPOSTA DWAR IRRANĠAR TA’ TOROQ

7.1. Meta mistoqsi mis-Sindku l-Kunsillier Galea informa li kien tkellem mal-Ministeru tat-Trasport dwar bżonn ta’ għajnuna għall-irranġar ta’ toroq iżda ntalab proposta ta’ toroq.

7.2. Is-Sindku ssuġġeriet li n-naħa ta’ fuq ta’ Labour Avenue, it-triq quddiem il-Kappella tal-Ħniena Divina, Triq San Pawl, u ż-żona tas-Sgħajtar ikunu proposti lill-Ministru tat-Trasport bit-tama li l-Kunsill jieħu xi għajnuna biex dawn isirilhom traqqiegħ maġġur jew kisi mill-ġdid.

7.3. Is-SE kien ressaq xi rakkomandazzjonijiet dwar irranġar ta’ toroq li l-Kunsill għadda biex jiddiskuti. Huwa spjega kif il-proposta hija biex isiru toroq li jkunu għadhom mhux kompletament fi stat li jkunu jeħtieġu kisi mill-ġdid. L-iskop huwa li, jekk isirilhom ftit traqqiegħ maġġur jerġgħu jiġu fi stat tajjeb. B’dan il-mod it-toroq ma jkomplux jiddeterjoraw għaliex il-biża hija li jekk isir hekk ma jdumux biex anki dawn it-toroq jaslu fi stat li l-unika soluzzjoni tkun li jinksew mill-ġdid.

7.4. Il-Kunsill qabel ma dawn ir-rakkomandazzjonijiet u għalhekk kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsillier Galea jduru t-toroq biex jidentifikaw liema għandhom ikunu rranġati l-ewwel.

## 8. ATTIVITAJIET MARBUTA MA’ JUM IN-NAXXAR

8.1. Il-Kunsillier Bonnici semma kif fl-opinjoni tiegħu għandu jkun hemm parteċipazzjoni mit-tfal, bħal, eżempju, kompetizzjoni ta’ kitba u min jirbaħ tinqara s-silta tiegħu waqt is-serata.

8.2. Il-Kunsillier Bonnici ssuġġerixxa wkoll li l-attività ssir quddiem il-Kunsill u b’hekk jintuża l-bini tal-Kunsill bħala *backdrop* għas-serata.

8.3. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li s-serata fejn jingħata Ġieħ in-Naxxar issir il-Ġimgħa ta’ wara Jum in-Naxxar iżda, minħabba li din is-sena, dak inhar jaħbat lejlet l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, kien hemm qbil li għal din is-sena ssir il-Ġimgħa 16 ta’ Mejju. Kien hemm qbil ukoll li din issir fil-Pjazza quddiem il-Knisja.

8.4. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir lapida għall-20 sena li ilu jopera l-Kunsill.

8.5. F’dan il-ħin il-Kunsillier Miceli ssuġġeriet li l-isem tat-triq li għad hemm ma Palazzo Castro, u li jista’ jitqies storiku, għandu jingħalaq bil-ħġieġ sabiex jiġi ppriservat.

8.6. Il-Kunsillier Galea talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:27.

8.7. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li fl-20 ta’ Mejju tibda ssir quddiesa ta’ radd il-ħajr filgħaxija fil-Knisja Parrokjali, tinkixef il-lapida u ssir *reception* żgħira f’wieħed mill-każini.

8.8. L-għażla tal-Każin issir bil-polza din is-sena, peress li se tkun l-ewwel darba, u fis-snin li ġejjin tkun bħal tal-attività tal-President permezz ta’ rotazzjoni.

8.9. Il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li kull każin ikollu l-istandard tiegħu prezenti.

8.10. Kien hemm qbil li jintalbu jiġu l-iscouts waqt il-kxif tal-lapida.

8.11. Il-Kunsill esprima opinjoni kuntrarja li jkun hemm *fashion show* waqt is-serata tas-16 ta’ Mejju u minflok għandha tkun organizzata lejla letterarja. Tinfetaħ is-serata bl-Innu Naxxar. Għandha ssir ukoll midalja biex tingħata lill-Kunsilliera.

8.12. Kien hemm qbil ukoll biex isiru l-arranġamenti biex is-sala tal-oratorju tkun tista' tintuża mill-Kunsill jekk ikun il-maltemp.

**9. INIZZJATTIVI FAVUR IT-TRASPORT SOSTENIBBLI**

9.1. Il-Kunsill iddiskuta proposta biex jittieħdu inizjattivi favur it-trasport sostenibbli u waħda minnhom kienet li tingħalaq il-Pjazza kull nhar ta' Ħadd.

9.2. Wara diskussjoni però kien hemm qbil li għalissa ssir inizjattiva biss il-Ħadd 18 ta' Mejju u l-Kunsill jiddeċiedi wara jekk għandux ikompli bl-inizjattiva jew le fil-ħdud ta' wara.

**10. ĦATRA TA' AMBAXXATUR TAĊ-ĊIKLIŻMU**

10.1. Il-Kunsill qabel li s-Sur Cedric Galea Pirotta jkun maħtur Ambaxxatur taċ-Ċikliżmu għan-Naxxar.

**11. TMIEM IL-LAQGĦA**

11.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 24 ta' April 2014.

11.2. Il-laqgħa intemmet fl-22:25.

**MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD***
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Laqgha 20 Ta Marzu 2014

**Anne Marie Muscat Fenech Adami** <[redacted]> 20 March 2014 18:34
To: Paul Gatt <[redacted]>

Paul,

Qeghdha nibghat din l - imajl biex nigi skuzata mill- Laqgha Ta' llum peress li ninsab indisposta.

Tislijiet

Anne Marie Muscat Fenech Adami

---

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## (no subject)

**Clinton Sammut** <[redacted]> 26 March 2014 08:01
To: Paul Gatt <[redacted]>

Bongu Paul,

Ma nafx kif giet vojta, ghax baghtha permezz tal-mobile fejn infurmajtek li ma tajtx nattendi ghall-laqgha tal-Kunsill habba impenji li nqalaw ta' malajr, forsi ghafast xi haga hazina, ghax kienet l-ewwel email tieghi mibghuta mill-mobile.

Grazzi

On Fri, Mar 21, 2014 at 7:55 AM, Paul Gatt <[redacted]> wrote:

> Din vojta l-email Clinton....ibghatli ohra imbaghad nara kif nirranga.
>
> Paul
>
> On Thursday, March 20, 2014, clintonsammut <[redacted]> wrote:
>
> > Sent from Samsung Mobile
>
> --
>
> ----
> Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
> Executive Secretary
> Naxxar Local Council
>
> +356 21416341, +356 27013044

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 18

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-15 ta' Frar 2014 sal-14 ta' Marzu 2014**

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €140.50 | €140.50 | T | PF | Review of planning applications - Feb 14 | 28/02/2014 | 1316 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Agriculture Co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden Maintenance - Jan 14 | 31/01/2014 | 44313 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | Agriculture Co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden Maintenance - Feb 14 | 28/02/2014 | 45352 | n/a | n/a | 3061 | |
| 4 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Feb 14 | 01/03/2014 | 26 of 2014 | n/a | n/a | 3140 | |
| 5 | Archway Ironmongery | €86.09 | €86.09 | D | PF | White spirit, eggshell, sleeves, cement, etc. | 15/01/2014 | 35620 | 4662, 4665, 4680, 4685 | 4662, 4665, 4680, 4685 | 2210 | |
| 6 | Archway Ironmongery | €112.68 | €112.68 | D | PF | Cement, ramel, zrar, cilps, bulbs, etc. | 13/02/2014 | 35640 | 4685, 4687, 4693, 4705 | 4685, 4687, 4693, 4705 | 2210 | |
| 7 | Archway Ironmongery | €118.08 | €118.08 | D | PF | Fly nuts, solvit, rolls tape, blades, silicone, etc. | 19/02/2014 | 35644 | 4705, 4710 | 4705, 4710 | 2210 | |
| 8 | Archway Ironmongery | €159.59 | €159.59 | D | PF | China connector, mtrs cable, energy saver bulb, etc. | 24/02/2014 | 35647 | 4709, 4710 | 4709, 4710 | 2210 | |
| 9 | Arms | €119.04 | €119.04 | D | PF | Electricity & water consumption bill for Gnien l-Unjoni Ewropeja [31/08/2013 till 29/11/2013] | 13/02/2014 | 18130250 | n/a | n/a | 2130 | 17387 |
| 10 | Arms | €1,887.88 | €1,887.88 | D | PF | Electricity & water consumption bill for NLC offices [16/10/2013 till 04/01/2014] | 04/03/2014 | 18212730 | n/a | n/a | 2130 | 17442 |
| 11 | Art Academy | €122.80 | €122.80 | D | PF | Scissors, PVA glue, coloured pens, etc. Arts, Hobbies & Crafts Nov. 2012 | 01/03/2014 | 10314 | 4135 | 4135 | 3370 | |
| 12 | Assocjazzjoni tal-Gvern Lokali | €63.00 | €63.00 | D | PF | Laqgha ghas-Sindki, 21 u 22 ta' Marzu 2014, Lukanda Dolmen, Qawra | n/a | n/a | n/a | n/a | 2541 | 17386 |
| 13 | B. Grima & Sons Ltd | €394.10 | €394.10 | K | PF | Mirrors, street name signs, brackets. | 11/03/2014 | 10004291 | 4504 | 4504 | 2313 | |
| 14 | B. Grima & Sons Ltd | €16.52 | €16.52 | K | PF | 2 stickers Dogs on Leash | 11/03/2014 | 10004293 | 4513 | 4513 | 2313 | |
| 15 | Bitmac Works Ltd | €263.90 | €263.90 | D | PF | Instant road repair | 21/02/2014 | 104469 | 4698 & | 4698 & | 2311 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | 4704 | 4704 | | |
| 16 | Bitmac Works Ltd | €204.75 | €204.75 | D | PF | Instant road repair | 11/03/2014 | 104819 | 4732 & 4735 | 4732 & 4735 | 2311 | |
| 17 | C&C Projects Ltd | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 - 3rd claim on a/c | 27/02/2014 | 140201 | n/a | n/a | 3130 | |
| 18 | C&C Projects Ltd | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 - 4th claim on a/c | 07/03/2014 | 140302 | n/a | n/a | 3130 | |
| 19 | Calamatta Landscapes Ltd | €580.01 | €580.01 | D | PF | 4 Ficus Nitida | 12/03/2014 | 6146 | 4707 | 4707 | 2360 | |
| 20 | Carmen Camilleri | € 233.00 | € 233.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Grecja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17436 |
| 21 | Cash | €31.98 | €31.98 | D | PF | Petty Cash - Feb 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 17430 |
| 22 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Feb 14 | 28/02/2014 | 229 | n/a | n/a | 3051 | |
| 23 | Commissioner of Police | €101.57 | €101.57 | D | PF | Booking of police officers for Sat 1st & Sun 2nd March 2014 for clearance & buon ordni | n/a | n/a | 4714 | 4714 | 3370 | 17429 |
| 24 | CSD Office Trade | €37.30 | €37.30 | D | PF | Post it notes, glue stick, labels & staples. | 14/02/2014 | 47457 | 4686 | 4686 | 2620 | |
| 25 | CV Woodworks | €153.40 | €153.40 | D | PF | Black aluminium window for day centre | 08/03/2014 | 201 | 4737 | 4737 | 2375 | |
| 26 | Datatrak IT Services | €15.23 | €15.23 | D | PF | Project1010_LES_NLC - Feb 14 | 28/02/2014 | 1010796 | n/a | n/a | 3610 | |
| 27 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on the Malta Government Gazette with regards to the Carnival Activity | n/a | n/a | 4688 | 4688 | 2940 | 17383 |
| 28 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on the Malta Government Gazette with regards to the publication of tenders | n/a | n/a | 4673 | 4673 | 2940 | 17440 |
| 29 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on the Malta Government Gazette with regards to the annual locality meeting | n/a | n/a | 4722 | 4722 | 3350 | 17441 |
| 30 | Dr Maria Fatima Deguara | €1,105.52 | €1,105.52 | D | PF | Mayor's remuneration - Feb. 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 31 | EcoPure | €425.00 | €425.00 | D | PF | 100 18.9ltrs of San Michel Table Water + 20 free | 11/03/2014 | 52449 | n/a | n/a | 3320 | |
| 32 | Florel Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Centre piece fresh flowers | 30/01/2014 | Nxr 1/14 | 4664 | 4664 | 3320 | |
| 33 | Florel Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Centre piece fresh flowers | 20/02/2014 | Nxr 2/14 | 4664 | 4664 | 3320 | |
| 34 | G4S Security Services Ltd | €336.30 | €336.30 | D | PF | Cash collection services - Feb14 | 28/02/2014 | GS009439 | n/a | n/a | 3190 | |
| 35 | Galea Curmi Engineering | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Feb 14 | 28/02/2014 | 2628 | n/a | n/a | 3130 | |
| 36 | Gasan Mamo | €62.27 | €62.27 | D | PF | Claim for damages on vehicle BBU596 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3030 | 17434 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Georgina Grima | €730.23 | €730.23 | D | PF | Nursing fees - Feb 14 | 28/02/2014 | Feb 14 | n/a | n/a | 3150 | |
| 38 | Go plc | €199.15 | €199.15 | D | PF | Telephony monthly service - Jan 14 (21417224) | 13/02/2014 | 36785659 | n/a | n/a | 2160 | 17388 |
| 39 | Go plc | €34.15 | €34.15 | D | PF | Telephony monthly service - Jan 14 (21416341) | 13/02/2014 | 36785667 | n/a | n/a | 2160 | 17389 |
| 40 | Go plc | €18.18 | €18.18 | D | PF | Telephony monthly service - Jan 14 (21416363) | 13/02/2014 | 36785671 | n/a | n/a | 2160 | 17390 |
| 41 | Grace Camilleri | €166.14 | €166.14 | D | PF | Branch librarian services - Jan 14 | 16/02/2014 | Jan-14 | n/a | n/a | 2995 | |
| 42 | Grace Camilleri | €150.17 | €150.17 | D | PF | Branch librarian services - Feb 14 | 05/03/2014 | Feb-14 | n/a | n/a | 2995 | |
| 43 | Horace Enterprises Ltd | €360.00 | €360.00 | D | PF | Plaques for Carnival Event Mar. 14 | 28/02/2014 | 6292 | 4712 | 4712 | 3370 | |
| 44 | Image Systems Ltd | €122.32 | €122.32 | D | PF | Ink per page for office photocopier | 31/01/2014 | FSMA/101674 | n/a | n/a | 2670 | |
| 45 | Impressions | €40.96 | €40.96 | K | PF | printing of 60 Carnival posters | 18/02/2014 | 46549 | 4697 | 4697 | 3370 | |
| 46 | Impressions | €191.10 | €191.10 | K | PF | printing of 5,500 Carnival flyers | 19/02/2014 | 46559 | 4697 | 4697 | 3370 | |
| 47 | Insight Furniture Fittings | €28.11 | €28.11 | D | PF | Wooden shelves for Council office | 17/02/2014 | 33 | 4692 | 4692 | 2330 | |
| 48 | Jonathan Sant | € 233.00 | € 233.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17437 |
| 49 | Jurgen Attard | €1,685.45 | €1,685.45 | T | PF | Handyman service - Jan 14 | 31/01/2014 | Jan-14 | n/a | n/a | 3125 | 17384 |
| 50 | Jurgen Attard | € 1,380.00 | € 1,380.00 | T | PF | Handyman service - Feb 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3125 | 17432 |
| 51 | Jurgen Attard | € 266.00 | € 266.00 | T | PF | Football ground guardian - Feb 14 | 28/02/2014 | 158724 | n/a | n/a | 3191 | |
| 52 | Just Construction Ltd | €120.00 | €120.00 | D | PF | Skip hire on the 3/10/2013 at "BIC", skip hire on the 16/12/2013 in front of Ghassa Naxxar and skip hire in front of the Naxxar football club | 31/01/2014 | 350 | 4483, 4510 & 4624 | 4483, 4510 & 4624 | 3046 | |
| 53 | Leo's Garage Paramount | €175.96 | €175.96 | K | PF | Transport service for the elderly - Dec 13 | 31/01/2014 | 10000071 | n/a | n/a | 2720 | |
| 54 | Leo's Garage Paramount | €334.74 | €246.76 | K | PF | Transport service for the elderly - Jan 14 | 31/01/2014 | 10000005 | n/a | n/a | 2720 | |
| 55 | Maltapost plc | €108.78 | €108.78 | T | PF | Postage of Carnival flyers Mar. 2014 | 07/03/2014 | 42733 | n/a | n/a | 3370 | |
| 56 | Maria Mangion | €70.00 | €70.00 | D | PF | Transport service from BIC to Rabat/ Imdina & return - Jan 14 "BIC" | 21/01/2014 | 5342 | 4656 | 4656 | 2720 | |
| 57 | Mario Bezzina | € 120.00 | € 120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Andrea Debono | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17438 |
| 58 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Jan 14 | 31/01/2014 | Nxr 1/14 | n/a | n/a | 3041 | |
| 59 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Feb 14 | 28/02/2014 | Nxr 2/14 | n/a | n/a | 3041 | |
| 60 | Paul Magri | €141.60 | €141.60 | D | PF | Transport service for the 3 Maskaruni for the Carnival Event Mar 2014 | 03/03/2014 | 106 | 4721 | 4721 | 3370 | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Peace Band Club | €1,000.00 | €1,000.00 | D | PF | Xmas lights - Fustun in 21st Sept Ave, Fustun in Labour Ave, 8 stars with running lights "Xmas Décor 2013" | 25/02/2014 | VO/0264 | 4613 | 4613 | 3362 | |
| 62 | Peace Band Club | €500.00 | €500.00 | D | PF | Rental of 8 poles in Labour Ave "Xmas Décor 2013" | 25/02/2014 | VO/0264 | 4713 | 4713 | 3362 | |
| 63 | Philip Grima | €170.00 | €170.00 | D | PF | Maskri Grotteski for Carnival Event Mar. 2014 | n/a | n/a | 4716 | 4716 | 3370 | 17431 |
| 64 | Prickly Pear Works | €106.20 | €106.20 | D | PF | Design & production of A4 and A5 Carnival posters Mar 2014 | 11/03/2014 | 14031 | 4734 | 4734 | 3370 | |
| 65 | Public Broadcasting Services Ltd | €10.00 | €10.00 | D | PF | 1 spot of 30secs on Radio Malta dated 11/03/2014 "Naxxar Locality Meeting" | 07/03/2014 | 20942 | 4725 | 4725 | 3350 | |
| 66 | San Pawl il-Bahar Local Council | € 28.55 | € 28.55 | D | PF | With regards to payment done to Naxxar Local Council by mistake from San Pawl il-Bahar Local Council | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 17435 |
| 67 | Silvio Grech | € 76.70 | € 76.70 | D | PF | Hire & set up of chairs for Carnival Avtivity | 03/03/2014 | 2404 | 4719 | 4719 | 3370 | |
| 68 | Snowhite Laundry | €30.00 | €30.00 | D | PF | Dry cleaning of flags | 19/02/2014 | 27577 | 4717 | 4717 | 2220 | |
| 69 | Staff Salaries | €7,433.14 | €7,433.14 | D | PF | Staff wages - Feb. 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 70 | Stephen Drakard | €165.00 | €165.00 | D | PF | Sound system (PA) for Xmas Event Dec 13 | 26/02/2014 | Nxr 1/14 | 4715 | 4715 | 3370 | |
| 71 | Transient Light & Sound Ltd | €370.23 | €370.23 | K | PF | Sound system for Carnival Event Mar 14 | 05/03/2014 | 4184 | 4689 | 4689 | 3370 | |
| 72 | Victor Mula | €1,676.50 | €1,676.50 | T | PF | Handyman service - Jan 14 | 31/01/2014 | Jan-14 | n/a | n/a | 3125 | 17385 |
| 73 | Victor Mula | € 1,380.00 | € 1,380.00 | T | PF | Handyman service - Feb 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3125 | 17433 |
| 74 | Victor Xuereb | € 100.00 | € 100.00 | D | PF | Maintenance of Gnien at Labour Ave | 24/02/2014 | 10349405 | n/a | n/a | 2310 | |
| 75 | Victor Xuereb | €30.44 | €30.44 | D | PF | Reimbursement with regards to payment affected by Mr Xuereb for maintenance works in the garden at Labour Ave | n/a | n/a | n/a | n/a | 2310 | |
| 76 | Vodafone MT | €104.29 | €104.29 | D | PF | Vodafone monthly pay for 79404014 - Feb 14 | 01/03/2014 | 3977530032014 | n/a | n/a | 2160 | 17439 |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

Ċ

**Income list for the month of February 2014** **03/03/2014**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0001 | 1st tranche of Govt. Allocation | €206,355.00 |
| 0015 | Other Government Income - Licencing and Testing Department Pre Regional tickets Dec 2013 | €745.26 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €20.00 |
| 0025 | Skip Permit | €53.72 |
| 0026 | Crane Permit | €565.31 |
| 0027 | Kiosk Permit | €46.58 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €6.66 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €279.54 |
| 0036 | Contraventions | €421.58 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €2,852.50 |
| 0125 | Trenching permits | €4.66 |
| 0200 | Debtors | €45.90 |
| 4006 | Contractors guarantees | €930.00 |
| | **TOTAL** | **€212,326.71** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 10489 |
| | To | 10721 |

**D**

**Purchase Order list for the month of February 2014** **04/03/2014**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 03/02/2014 | 4678 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €214.08 |
| 04/02/2014 | 4679 | Blye Engineering Co. Ltd | 5/8 white insulation for solar water heater pipe | €23.72 |
| 05/02/2014 | 4680 | Archway Ironmongery | Rollers, nuts & ramel | €7.00 |
| 05/02/2014 | 4681 | Phonitel Co. Ltd | Setting of PBX following vodafone line | €41.30 |
| 05/02/2014 | 4682 | Grezio Desira | Emptying of reservoir in Pjazza Celsi | €177.00 |
| 07/02/2014 | 4683 | Road Maintenance Services Ltd | 2 60cm mirrors and pole for Telgha tal-Madliena | €107.20 |
| 11/02/2014 | 4684 | Scan Computers | iPad Cover, CD Sleeves, USB Extension | €55.75 |
| 13/02/2014 | 4685 | Archway Ironmongery | Silicone, cement, ramel, zrar. | €25.20 |
| 17/02/2014 | 4686 | CSD Office Trade | Stationary for office | €37.30 |
| 17/02/2014 | 4687 | Archway Ironmongery | 6mtrs cable, drill, clips, box, socket, etc. | €38.83 |
| 17/02/2014 | 4688 | DOI | advert re Carnival Activity | €9.32 |
| 17/02/2014 | 4689 | Transient Light & Sound Co. Ltd | Sound system for "Carnival Activity Mar 2014" | €370.23 |
| 17/02/2014 | 4690 | Saviour Zammit | Presenter & filler for Carnival Activity Mar 2014 | €150.00 |
| 17/02/2014 | 4691 | Reuben Seychell | Photographic service - Carnival Activity Mar 2014 | €85.00 |
| 17/02/2014 | 4692 | Insight Furniture Fittings | Wooden shelving for Council office | €28.11 |
| 17/02/2014 | 4693 | Archway Ironmongery | Cement, ramel, zrar & bolts. | €9.22 |
| 17/02/2014 | 4694 | Steve Rutland | Filming of Carnival Event Mar 2014 | €120.00 |
| 17/02/2014 | 4695 | J&S Store | Washers, toilet seat, sealer, liquid membrane. | €84.00 |
| 18/02/2014 | 4696 | Koptasin | 2 No right turns & 2 no left turns | €148.40 |
| 18/02/2014 | 4697 | Impressions Ltd. | Flyer & Poster for Carnival Activity | €260.78 |
| 18/02/2014 | 4698 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €127.53 |
| 19/02/2014 | 4699 | Road Maintenance Services Ltd | Mirror x 60cm | €34.34 |
| 19/02/2014 | 4700 | Central Asphalt | Patching of non urban roads - list of 15 roads | |
| 20/02/2014 | 4701 | Calleja Ltd | Globes, fittings and wire - garden at Labour Avenue | €269.75 |
| 20/02/2014 | 4702 | Leo's Garage Paramount | Booking of transport for Feb's Cultural Tour | €70.80 |
| 20/02/2014 | 4703 | J&S Store | Liquid membrane, energy saver bulbs, bulbs, batteries, etc. | €245.68 |
| 20/02/2014 | 4704 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €136.64 |
| 20/02/2014 | 4705 | Archway Ironmongery | Holders, clips, blades, round covers, etc. | €86.39 |
| 20/02/2014 | 4706 | Floreal | Flower arrangement | €20.00 |
| 21/02/2014 | 4707 | Calamatta Landscaping | Ficus Nitida Trees | €580.00 |
| 24/02/2014 | 4708 | Road Mainitance Services Ltd. | 90cm Traffic Mirror | €72.25 |
| 25/02/2014 | 4709 | Archway Ironmongery | Viti, bolts, cones, lamp, etc. | €107.14 |
| 25/02/2014 | 4710 | Archway Ironmongery | Globes, silicone, bolts, cable ties, double pole, etc. | €148.50 |
| 25/02/2014 | 4711 | J&S Store | Cones & washers | €45.20 |
| 28/02/2014 | 4712 | Horace Enterprises Ltd | Commemorative Plaques for Carnival Activity | €360.00 |
| 25/02/2014 | 4713 | Peace Band Club | Rental of 8 poles | €500.00 |
| 28/02/2014 | 4714 | Commissioner of police | Booking order of police officers for Carnival Event 1st & 2nd Mar 14 | €101.57 |
| 13/12/2013 | 4715 | Stephen Drakard | Musical service for Xmas Event Dec 13 | €165.00 |
| 28/02/2014 | 4716 | Philip Grima | Maskri Grotteski for Carnival Event Mar. 14 | €170.00 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 28/02/2014 | 4717 | Snowhite Laundry | Cleaning of flags | €30.00 |
| | 4718 | *purchase order done in Mar. 2014* | | |
| 28/02/2014 | 4719 | Silvio Chairs | Hire & set up of chairs for Carnival Activity | €76.70 |
| | | | **Total** | **€5,339.93** |